TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

(GHAWDEX)

GUDIKATUR DOTTOR KEVIN MOMPALAO LL.D. Atem

Seduta tal-Erbgha 4 ta’ Mejju 2016

Avviz Numru 12/2016

Kamil Lewandowski

Vs

Shawn Pace

**It-Tribunal:-**

Ra’ l-avviz tat-talba prezentat fis-sbatax (17) ta’ Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) li permezz tieghu l-attur talab illi l-konvenut jigi kkundannat ihallsu is-somma ta’ tlett mija u ghoxrin Ewro (€ 320) rifuzjoni ta’ depozitu mhallas fuq kirja ta’ appartament Flat 4, Ta’ Cetta Court, Triq id-Dar Ruman, Xewkija, Ghawdex.

Ra’ r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa illi l-ammont mitlub ma hux dovut stante illi dan ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-konvenut fl-appatament mikri.

Ra’ l-atti kollha nkluz id-digrieti kollha, nkluz dak tal-lum fejn il-kawza giet posposta ghas-sentenza.

Ikkunsidra.

Illi jidher illi l-attur ftit li xejn wera interess f'din il-kawza u dan billi:-

(1) Id-digriet tat-Tribunal ta' l-4 ta' April 2016 ma giex segwit minn l-attur u ma ghamilx dak li kellu jaghmel.
(2) La l-attur u l-anqas il-legali tieghu ma dheru fis-seduti quddiem it-Tribunal.
(3) Sahansitra l-anqas ingabret il-kopja tar-risposta minn l-atti.

Huwa minnu illi tirrizulta riferta negattiva ta' l-appuntament tas-smigh ta' l-istess attur, izda l-kawza hija tieghu u kellu jkun hu illi jassikura n-notifiki u jsegwi l-kawza b'diligenza. Hekk jew hekk jirrizulta minn l-istess rifereta illi l-avukat tieghu kien notifikat bin-nuqqas ta' notifika tal-attur bl-avviz ghas-smigh. Izda xorta ma sar xejn. Min jaghmel kawza hu obbligat li jsegwiha minn l-ahjar li jista u ma jistax jippretendi illi it-Tribunal jew il-Qorti ghandha toqghod tistenna in-nuqqas ta' azzjoni tieghu.

F'cirkostanzi bhal dawn, fejn intwera nuqqs ta' interess car f'din il-kawza, u fejn ghal darbtejn in fila la deher l-attur u l-anqas l-avukat tieghu, it-Tribunal jidirlhu illi ghandhu japplika d-dispost ta' l-artikolu 13 (a) tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta. Anzi frankament josserva illi dan huwa kaz klassiku li ghalieh ghandu japplika dak l-artikolu.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 13 (a) tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta jichad it-talbiet ta' l-attur bl-ispejjes kontra tieghu.

Kevin Mompalao

Gudikatur

Daniel Sacco

D/Registratur